Lill-Onorevoli Prim Ministru,
Dr Robert Abela LLD.

30 ta’ Ġunju 2025

IRRIFJUTA L-EMENDI TAL-2024 GĦAR-REGOLAMENTI INTERNAZZJONALI TAS-SAĦĦA

**Aħna nopponu l-Emendi tal-2024 għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) ("IHR") u NINSISTU li tiggwida lil dan il-gvern biex jirrifjuthom kollha kemm huma qabel id-19 ta 'Lulju 2025 skond l-Artikolu 61 tal-IHR għall-raġunijiet mogħtija f’din l-ittra u spjegati f'aktar dettall fid-dokument mehmuż.**

L-iskadenza tad-19 ta 'Lulju 2025, biex jiġu miċħuda **l-Emendi** tal-2024 għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) qed toqrob sew. Aħna l-poplu, nopponu l-emendi u nitolbu li tiġi sottomessa immedjatament ittra ta' rifjut.

Li kieku inti u l-gvern smajtu mit-twissijiet preċedenti li bgħatna biex tirrifjutaw l-Emendi tal-2022 għall-IHR bħalma għamlu l-mexxejja tal-Olanda, New Zealand, Slovakkja u l-Iran, Malta kien ikollha wkoll skadenza tad-19 ta' Marzu 2026 biex tirrifjuta l-Emendi tal-1 ta' Ġunju 2024.

Aħna ma nemmnux li inti jew il-gvern fhimtu s-sinifikat jew l-impatt li għandu l-IHR. Riċentement fit-30 ta' April 2025 grupp ta’ nies mhux eletti u mhux obbligati jirrispondu għal għemilhom, msejjaħ l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ħabbar liġijiet ġodda f'Malta li issa huma fis-seħħ mid-data tat-tħabbira tagħhom. Ir-Rakkomandazzjonijiet tagħhom issa saru liġi!!

Jeħtieġ li tindirizza l-klawżola inkompetenti 43 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 465.10 li tippermetti lill-WHO tegħleb il-Jedd tal-Kostituzzjoni bħala l-ogħla Liġi ta’pajjiżna. It-Trattat ta’ l-Unjoni Ewropea huwa xhieda ċara li d-deċiżjonijiet meħuda fil-Parlament Ewropew kif ukoll id-direttivi tal-Kummissjoni Ewropea huma superjuri għal-liġijiet eżistenti ta’Malta u agħar minn hekk ir-rakkomandazzjonijiet tal-WHO huma daqstant Liġi minħabba din il-leġiżlazzjoni tal-mistħija!!

Sa fejn nafu aħna, Malta hija unika fis-sottomissjoni ripunjanti tagħha lill-WHO fejn tadotta kwalunkwe rakkomandazzjoni bħala liġi b'effett immedjat. Id-definizzjonijiet fir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa huma ċari ħafna; ir-rakkomandazzjonijiet huma biss suġġerimenti, sempliċement pariri u mhumiex vinkolanti.

Minħabba l-inkompetenza tal-partit fil- Gvern fl-2007/8, sirna nafu li Malta hija l-uniku pajjiż fid-dinja li għandu leġiżlazzjoni tal-mistħija bħal din.

Iż-żmien li nieqfu fuq saqajna huwa issa u jeħtieġ li inti taġixxi b'mod deċiżiv biex tqis lil Malta l-ewwel u qabel kollox u tagħmilha ċara lill-President tal-Parlament Ewropew u oħrajn, li Malta hija sovrana, u li Malta se taġixxi fl-aħjar interess taċ-ċittadini u tar-residenti tagħha. Tippermettix li l-oppożizzjoni tieħu l-vantaġġ li tkun qablek biex taqbeż għall-poplu!

Barra minn hekk, l-iskop ta' dawn l-emendi **MHUWIEX** li jtejbu s-saħħa tal-pubbliku!

Kif tista’l-WHO tfittex li "tipprevjeni", "tipprepara għal" u "tirrispondi aħjar” għall- “pandemija li jmiss" meta ma tat l-ebda definizzjoni xierqa lil ebda wieħed mit-termini fundamentali inklużi: "pandemija", "prevenzjoni", "tħejjija," u "rispons".

Dawn in-negozjati kienu jkunu opportunità ideali biex jiġi evalwat ir-rispons għall-COVID-19 u biex jiġi żgurat li l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, id-deċiżjonijiet ħżiena u l-iżbalji li saru , qatt ma jerġgħu jsiru. Hemm bosta u bosta emendi li setgħu jiġu adottati, iżda ma ssemmewx.

L-unika ħaġa li dawn l-emendi se jtejbu huma l-profitti futuri favur l-industrija farmaċewtika li dejjem qed tikber.

Il-proċess tal-emendi kien fundamentalment difettuż minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 55.2 tal-IHR li jirrikjedi li l-emendi għandhom jitqassmu mill-inqas erba' xhur qabel ma jiġu diskussi. L-Emendi jinkludu dispożizzjonijiet li l-Kumitat ta' Reviżjoni li jistabbilixxi t-Termini ta' Referenza għall-proċess, kien speċifkament avża kontrihom.

L-introduzzjoni qarrieqa ta' mekkaniżmu finanzjarju miftuħ u bla limitu li se jiġi mħaddem minn burokrati mhux eletti u mhux obbligati jirrispondi għal għemilhom, permezz tal-inklużjoni ta' dispożizzjoni tal-IHR li qatt ma dehret qabel bħallikieku kienet dispożizzjoni eżistenti , tesponi lil Malta għal obbligi finanzjarji mhux magħrufa u potenzjalment bla limitu minn hawn 'l quddiem.

**Aħna nopponu l-Emendi tal-2024 għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) u NSOSTNU li tiggwida lil dan il-gvern biex jirrifjuthom kollha qabel id-19 ta 'Lulju 2025 skond l-Artikolu 61 tal-IHR għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq u mfissra f'aktar dettall fid-dokument mehmuż.**

Sinċerament tiegħek
Ċittadini u Residenti Inkwetati ta' Malta

UĊI ĦIELSA
VOICE OF FREEDOM
91, Triq Jean De La Valette, San Pawl tat-Tarġa,
Naxxar NXR 1206, Malta
voiceoffreedommalta@gmail.com

**L-aqwa għaxar raġunijiet għaliex għandhom jiġu miċħuda l-emendi għar-regolamenti internazzjonali tas-saħħa qabel l-iskadenza tad-19 ta 'Lulju, 2025**

1. Id-definizzjoni l-ġdida ta' "prodotti tas-saħħa rilevanti" tinkludi biss mediċini farmaċewtiċi, dijanjostiċi, apparati u **TERAPIJI BBAŻATI FUQ IL-ĠENI U Ċ-ĊELLULI**. M'hemm l-ebda referenza għall-vitamini, minerali, ħxejjex aromatiċi, rimedji omeopatiċi jew kwalunkwe soluzzjoni naturali oħra. Ma kien hemm l-ebda reviżjoni wara l-avveniment ,tal-fallimenti assoċjati mal-użu frodulenti tat-"testijiet" tal-PCR, ventilaturi, drogi bħal remdesivir u l-vettur virali u l-"vaċċini" mRNA. (l-Artikolu 1)

2. Id-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa se jkollu s-setgħa li jiddikjara "emerġenza pandemika" ibbażata biss fuq id-determinazzjoni tiegħu, mingħajr kontrolli jew bilanċi. M'hemm l-ebda proċedura li biha n-nazzjonijiet membri jistgħu jivvutaw biex iwaqqfu id-dikjarazzjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali. (Artikoli 1, 12 u 49)

3. "L-Istati Membri ... għandhom iżommu u jżidu l-finanzjament domestiku, kif meħtieġ, u jikkollaboraw... jissaħħaħ il-finanzjament sostenibbli biex jappoġġja l-implimentazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti." **KEMM SE JISWA DAN? (**Artikolu 44)

4. Artiklu ġdid (44bis) ġie miżjud mal-IHR bi vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni tal-WHO. Fis-6 ta 'Frar, 2023, il-Kumitat ta' Reviżjoni wissa **"kontra l-ħolqien ta' funzjoni ta' finanzjament espliċitu lill-WHO skont ir-Regolamenti."** IL-fatt li naqqsu li jiddefinixxu d-dettalji tal-"Mekkaniżmu Finanzjarju Koordinat" filwaqt li ingħatat s-setgħa lil burokrati futuri mhux eletti, mhux responsabbli u mhux magħrufin, biex jikkontrollaw il-"Mekkaniżmu", li naqqsu li jidditerminaw kemm dan kollu se jiswa, li naqqsu li tintalab trasparenza sħiħa u li jsir rendikont dettaljat u pubbliku tal- kontitjiet u l-entrati, kif ukoll naqqsu li jiżguraw li jiġu evitati il-kunflitti ta' interess, huma kollha inaċċettabbli. Barra minn hekk, l-Artikolu 44bis ġie miżjud b'qerq u bil-moħbi mal-verżjoni finali tal-emendi b'tipa regolari minflok b'tipa grassa. Dan ta l-impressjoni li l-artikolu l-ġdid kien diġa eżistenti fl-IHR u naqas milli jsemmi ,kif kien xieraq li l-Artikolu 44bis kien emenda. (l-Artikolu 44bis)

5. Id-Direttur Ġenerali tad-WHO naqas milli jissottometti kif kien xieraq **il-VERŻJONI FINALI** tal-emendi proposti b'avviż ta' mill-inqas erba' xhur qabel kif inhu meħtieġ fl-Artikolu 55(2).

6. Huwa assolutament inaċċettabbli li individwi f'saħħithom, sempliċement għax suspettati li ġew esposti għal marda li tittieħed, jistgħu jiġu sfurzati fi kwarantina. (l-Artikolu 27)

7. L-infurzar fuq l-operaturi tal-ġarr biex japplikaw "miżuri tas-Saħħa" [bħal sprejjar ta' insettiċidi] abbord waqt li l-vjaġġaturi jkunu qed jimbarkaw u jiżbarkaw huwa vjolazzjoni ċara tal-libertajiet fundamentali tal-bniedem. [L-Artikolu 24.1(a), l-Artikolu 24.1(b) u l-Anness 4.1(c)]

8. In-Nazzjonijiet huma obbligati li jippromulgaw leġiżlazzjoni domestika biex jimplimentaw l-emendi tal-IHR. Bosta pajjiżi diġà użaw uħud mill-aktar miżuri distopiki immaġinabbli. (Artikolu 4)

9. Meta tagħti istruzzjonijiet lid-Direttur Ġenerali "tipprovdi informazzjoni disponibbli f' xi mekkaniżmu(i) ikkoordinat mid-WHO dwar aċċess għal u allokazzjoni ta', prodotti tas-saħħa rilevanti," l-emendi għal dawn l-artikli se jiddaħħlu fil-Lista ta' Pre-kwalifika u ta'Użu f' Emerġenza ta' L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u se jservu sempliċement biex idaħħlu profitti illegali għalihom . (l-Artikli 15, 16, 17 u 18)

10. In-nuqqas li ġie indirizzat il-ksur ċar tad-drittijiet tal-bniedem li jawtorizza nazzjonijiet biex **"iġiegħlu lill-vjaġġatur jgħaddi minn ... tilqim jew profilassi oħra; jew (c) miżuri tas-saħħa addizzjonali li jipprevjenu jew jikkontrollaw it-tixrid tal-mard, inkluż l-iżolament, il-kwarantina jew it-tqegħid tal-vjaġġatur taħt osservazzjoni tas-saħħa pubblika"** huwa assolutament **INAĊĊETTABBLI. (**L-Artikolu 31.2)